# IL-MUŻIKA TAL-FESTA TA' SANTA MARIJA FIL-MOSTA FI ŻMIEN IL-MAESTRO DI CAPPELLA, L-KAN. DUN ĠUŻEPP DEBONO

*minn Noel D'ANASTAS*

Fl-aħħar żewġ edizzjonijiet ta' din il-pubblikazzjoni, tajt ħarsa fil-qrib lejn il-ħajja mużikali ta' Francesco Azopardi (1748-1809) u Gaetano Ettore (1731-1790) - żewġ *Maestri di Cappella*, li għal bosta snin fit-tieni nofs tas-seklu tmintax taw servizzi mużikali fil-festa ta' Marija Assunta fil-Knisja Parrokkjali tal-Mosta.(1) F'din l-edizzjoni, ser inkompli niffoka fuq l-attività mużikali fil-knisja, kif ukoll dik esterna, fil-jum tal-festa fi żmien il-*Maestro di Cappella*, il-Kanonku Dun Ġużepp Debono, li serva fl-1792 u 1793 u fis-snin bikrin tas-seklu dsatax.

Dwar il-ħajja u l-karriera mużikali tal-Kan. Dun Ġużepp Debono ftit li xejn inkiteb. Lanqas Uldrich Rolandi u Robert Mifsud Bonnici ma jsemmu xejn dwar dan il-kompożitur.(2) Fl-istess żmien li għex dan is-surmast, f'bosta parroċċi konna nsibu diversi qassisin b'dan l-isem. Fil-fatt, fil-Viżta Pastorali ta' l-Isqof Vincenzo Labini ta' l-1781, jirriżulta li barra f'Birkirkara, dan l-isem jissemma fil-parroċċi tal-irħula Żebbuġ, Lija u Attard.(3) Fil-bidu tas-seklu dsatax, Birkirkara kellha żewġ qassisin bl-istess isem ta' Giuseppe Debono. Iż-żgħir kien laħaq Arċipriet Prepostu ta' Birkirkara wara l-Kan. Franġisku Sammut. Kien dam mal-wieħed u għoxrin sena b'din il-kariga, u ftit xhur qabel ma miet, kien laħaq Monsinjur tal-Kattidral.(4)

Dun Ġużepp Debono (il-kbir) twieled Birkirkara fit-13 ta' Diċembru 1754.(5) Huwa l-iżgħar fost l-erba' wlied ta' Ġustu Debono u Rosa, mwielda Zammit.(6) Fi tfulitu kien joqgħod fil-*Quartiere della Chiesa Collegiata Parte Dretta* fl-inħawi tal-Laqxija.(7) Ta' madwar sitt snin tilef 'l ommu Rosa.(8) L-ewwel ordni minuri ħadha fit-8 ta' Settembru 1766, filwaqt li l-ordni minuri rċevihom f'Ħadd il-Għid tal-1768.(9) Jidher li Ġużeppi Debono għamel xi snin nieqes minn Malta u x'aktarx kien jistudja l-mużika. Kienet drawwa li dak iż-żmien bosta żgħażagħ kienu jistudjaw il-mużika f'wieħed mill-erba' konservatorji fil-belt ta' Napli. Hu ġie ordnat qassis fis-snin sebgħin. Kien ukoll Kanonku tal-Kolleġġjata ta' Birkirkara. Fi żmien il-Viżti Pastorali ta' l-Isqof Labini, dawk bejn l-1781 u l-1787, Debono ma jissemmiex mal-kleru ta' din il-kolleġġjata.




*1758: Il-familja ta' Dun Ġużepp Debono fi tfulitu - ..."Quartiere della Chiesa Collegiata Parte Dretta" fl-inħawi tal-Laqxija.*

Wara l-mewt ta' ommu, missieru reġa' żżewweġ lil ċerta Marija. Fl-1791, Dun Ġużepp kien joqgħod flimkien ma' l-armla Maria Debono maġenb l-abitazzjoni tal-familja ta' ħuh Ġulju, ħdejn il-kolleġġjata fi *Strada Terza* qrib il-pjazza.(10)

Fiż-żjara pastorali ta' l-Isqof Labini ta' l-1789 f'Birkirkara, l-Kan. Debono, barra li jissemma mal-kleru tal-parroċċa, jissemma bħala prokuratur tal-knisja ta' San Leonardu - magħrufa bħala tal-Mensija, iddedikata lil Marija Annunzjata.(11) Fiż-żjara pastorali li kien għamel l-Isqof Ferdinando Mattei f'Birkirkara f'Novembru 1809, Debono jissemma bħala prokuratur tal-festa tal-Qalb ta' Ġesù.(12) Il-Kan. Dun Ġużepp Debono miet fit-3 ta' Lulju 1829 fl-eta' ta' 78 sena.(13)




*Il-Manuskritt* ***Dixit Completo,*** *kompożizzjoni tal-Kan. Dun Ġużepp Debono.*

## KOMPOŻIZZJONIJIET MUŻIKALI TA' DEBONO

Mir-reġistri tal-kompożizzjonijiet mużikali li ġew ikkatalogati u mikrofilmati fil-Mużew tal-Kattidral ta' l-Imdina, jirriżulta numru żgħir ta' kompożizzjonijiet ta' Dun Ġużepp Debono.

Fil-fatt, dawn ix-xogħolijiet jinsabu biss fl-arkivji mużikali tal-Kattidral f'Għawdex u fl-arkivji mużikali tal-parroċċa tal-Mellieħa. Dawn ta' l-aħħar fil-maġġoranza tagħhom oriġinarjament kienu fil-kollezzjoni tas-Surmast Luigi Grech Grandolini. Hija stramba kif l-arkivju mużikali ta' Birkirkara m'hemmx biċċa mużika ta' Dun Ġużepp Debono.(14)



***Stabat Mater** għal tlett vuċijiet, komposta minn Dun Ġużepp Debono.*
*(Kollezzjoni mużikali tal-Parroċċa tal-Mellieħa.)*

Fl-arkivju mużikali tal-Karmelitani fil-Belt, insibu sitt biċċiet (Ms. 134-139/ *Microfilm* 5330) li kollha huma bla data. Dawn huma żewġ quddisiet għal tliet vuċijiet, quddiesa għal żewġ vuċijiet, *Te Deum, Benedictus u Liber Generationis Jesu Christi.* Fil-kattidral t'Għawdex, insibu tliet kompożizzjonijiet ta' Dun Ġużepp Debono (Ms. 226-228/*Microfilm* 7887). Dawn huma l-quddiesa għal tliet vuċijiet *in Re Maggiore,* xogħol li nkiteb fl-1807 *Libera Me* għal erba' vuċijiet komposta fl-1815 u *Te Deum* li ma jġib ebda data ta' meta nkiteb. Fil-kollezzjoni mużikali tal-parroċċa tal-Mellieħa, hemm żewġ xogħolijiet ta' Debono (Ms. 208-209) - *Dixit Completo,* kompost fl-aħħar snin ta' ħajtu għal erba' vuċijiet u *Stabat Mater,* komposta għal żewġ soprani u baxx. Dan ix-xogħol ma jġib l-ebda data ta' meta nkiteb.

## MAESTRO DI CAPPELLA

Dun Ġużepp Debono serva għal bosta snin bħala *Maestro di Cappella* f'għadd ta' knejjes u parroċċi, fosthom dawk ta' Birkirkara, Ħal Balzan u l-Mosta. F'Ħal Balzan, Dun Ġużepp jibda jissemma mill-festa ta' l-1795. Dik is-sena kien tħallas 44 skud u fl-1798, il-prokuratur Gian Karl Grech Delicata ħallas lill-Kan. Debono s-somma ta' 55 skud u 8 tari.(15)

### <u>Fil-Mosta</u>

L-aħħar għaxar snin tas-seklu tmintax, il-mużika fil-festa ta' l-Assunta fil-Mosta kompliet tkun organizzata fuq l-istess passi tas-snin ta' qabel. Din il-konsistenza trażżnet mill-irvellijiet u l-ħakma tal-Gvern Franċiż tal-Ġeneral Vaubois. Dawn wasslu biex il-festi kollha ma baqgħux isiru bl-aktar mod pompuż. Bħala prokuratur f'din il-knisja parrokkjali f'dawn l-aħħar ftit snin tar-renju ta' l-Ordni ta' San Ġwann f'Malta, konna nsibu lil Dun Franġisk Pullicino. Bejn l-1793 u l-1795, l-organizzazzjoni kienet f'idejn il-prokuratur Dun Feliċ Mangion.(16)

Mir-reġistru tal-kontijiet *Esito Veneranda Lampade* għas-snin 1776-1837, jirriżulta li wara l-aħħar sena ta' Gaetano Ettore bħala *Maestro di Cappella* fil-Mosta (il-festa ta' l-1788) għal tliet snin wara, ma jissemma l-ebda isem ta' *Maestro di Cappella.*(17) Fl-1789 u l-1790, il-ħlas mogħti lil *Maestro di Cappella,* kien ta' 40 skud u 42 skud u 10 tari rispettivament.(18) L-uniku ħlas imsemmi rigward il-mużika fis-sena 1791, hu dak ta' 14 il-skud u 8 tari għal żewġ daqqaqa tat-trombi u tnejn ta' l-oboe. Dawn inġabu mill-Belt Valletta għall-Primi u Sekondi Vespri, quddiesa kantata, purċissjoni u tratteniment mużikali, li kien spiċċa fis-siegħa ta' fil-għodu. Fl-istess somma kienet tikkonsisti fl-ispiża ta' żewġ skudi għall-kaless biex il-mużiċisti jinġabu mill-Belt f'lejlet il-festa u biex jittieħdu lura wara tmiem il-festa. Dawn ngħatatilhom ikla b'xejn. Dwar dan it-tip ta' daqqaqa, nitkellmu 'l quddiem. F'dik is-sena l-kantanti tħallsu minn persuna devota.(19)

L-ewwel darba li niltaqgħu mal-Kan. Dun Ġużepp Debono jmexxi l-mużika fil-festa kien fl-1792. Il-prokuratur Dun Franġisk Pullicino kien ħallas lil Debono 41 skud għall-mużika pprovduta fil-quddiesa kantata, Sekondi Vespri u l-purċissjoni f'jum il-festa.(20) Fl-1793, Debono tħallas 45 skud għall-istess servizz mogħti bħal tas-sena ta' qabel.(21) F'dik l-istess sena, hemm ħlas ta' tliet skudi lil ċertu Don Michele (Basso) għal xi servizzi mużikali kif fil-fatt kien tħallas fl-1787 għall-kant tal-matutin.(22) Ħlas ieħor rigward mużika fil-festa ta' dik is-sena, kien dak ta' 1 skud u 4 tari biex jintrama u jiżżarma l-organetto "*per accesso e reaccesso l'organetto*".(23)

Bejn l-1794 u l-1797, il-mużika fil-festa kienet f'idejn Francesco Azopardi, l-organista tal-Kattidral, li kellu ħlas simili bħal dak li rċieva Debono fis-snin ta' qabel għalkemm dik ta' l-1797 kien hemm fiha żieda sostanzjali.(24)

Wara t-tluq ta' l-Ordni ta' San Ġwann minn Malta fl-1798, għal madwar sentejn, il-festi ma baqgħux isiru bħal qabel. Fil-fatt il-festa tal-1798, kienet tikkonsisti biss f'quddiesa kantata ċċelebrata fuq l-altar ta' l-Assunta. L-ebda ħlas ma jissemma rigward mużika.(25) F'Jannar tal-1799, il-Maltin kienu diġà wrew ix-xewqa li jkunu taħt l-Ingliżi.(26) F'dik is-sena, reġgħu saru biss il-festi ta' ġewwa b'aktar organizzazzjoni minn dik ta' qabel. Il-mużika terġa' tissemma biss fl-eżekuzzjoni tas-Sekondi Vespri. Min kien inkarigat mill-mużika, rċieva ħlas ta' 15 il-skud u 9 tari "*per musica fatta nel solo Secondo Vespero*

*dell' Assunzione"*.(27)

Fil-bidu tas-seklu l-ġdid, il-festa reġgħet ħadet ir-ruħ tant li l-prokuratur, Dun Marino Galea, ħaseb biex jorganizza festa kif jixraq. Fl-14 ta' Lulju nefaq 30 skud biex iħallas lill-*organaro* magħruf, Emmanuele Santucci, biex jirranġa l-orgni "*per accomodato l'organo della V. Parrochiale Chiesa della Musta".(28)* F'dik is-sena jissemma bħala *Maestro di Cappella* ċertu Fra Giuseppe Grassi, li kien ħa ħlas ta' 40 skud "*per Messe e sudetto Vespere in Musica"*.(29) Fl-1801, għal sena waħda, jissemma l-*chierico* Salvatore Portelli mill-Isla. L-istess prokuratur Galea f'dik is-sena nefaq 45 skud għall-quddiesa kantata, Sekondi Vespri u purċissjoni.(30)



*92 skud u 8 tari - s-somma mogħtija lil Kan. Dun Ġużepp Debono għal-festa ta' 1802.*

Fl-1802, irritorna Dun Franġisk Pullicino bħala prokuratur minflok Dun Marino Galea, li kien ħa t-tmexxija minflok l-istess Pullicino fl-1800. Jidher li din il-bidla ġabet qabża kbira fin-nefqa u s-somma dovuta lill-*Maestro di Cappella,* il-mużiċisti u l-kantanti miġjuba minnu, rdoppjat. Dan seta' ġara minħabba li l-attivitajiet mużikali organizzati taħt id-direzzjoni tal-*Maestro di Cappella,* żdiedu kif fil-fatt ġara fil-festa tal-1802 u wara. It-tmexxija mużikali fil-festa ta' din is-sena, reġgħet ġiet f'idejn il-Kan. Dun Ġużepp Debono, li kien ħallas 92 skud u 8 tari: "*....sono d'una Messa, Secondo Vespere, processione in mattina con Tantum Ergo, processione della sera con Litanie e Salve tutto in musica...."*(31) ħlas separat minn dan kien ta' 2 skudi u 2 tari lill-erba' *cantori* għas-servizz fil-Primi Vespri, matutin u l-purċissjoni.(32) Fis-sena ta' wara, l-istess prokuratur ħallas lil Debono, 97 skud għall-mużika fil-ġurnata tal-festa. Bħas-sena ta' qabel, il-kantanti tħallsu 2 skudi għas-servizz fl-Ewwel Għasar.(33)

Għall-Kan. Debono, din kienet l-aħħar sena bħala *Maestro di Cappella* fil-Mosta għax fis-sena ta' wara, għal darba biss, inġab l-organista tal-Kattidral, il-*chierico* Gioacchino Micallef bħala *Maestro di Cappella.* Ingħata s-somma ta' 70 skud u 5 tari. F'dan il-manuskritt tal-kontijiet ma jissemma xejn x'kien is-servizz mużikali mogħti minn Micallef u l-mużiċisti miġjuba minnu.(34)

## ID-DAQQAQA FIL-PURĊISSJONI TA' L-ASSUNTA FI ŻMIEN DUN ĠUŻEPP DEBONO (MAESTRO DI CAPPELLA)

Min jiftakar sew, is-sena l-oħra tajt ħarsa lejn id-daqqaqa fil-purċissjoni fi żmien Gaetano Ettore, li kien *Maestro di Cappella* fil-Mosta bejn l-1782 u l-1788. Din id-darba jmiss l-era ta' Dun Ġużepp Debono.

Fil-fatt fl-ewwel sena li jissemma Debono bħala *Maestro di Cappella,* nsibu li sar ħlas ta' 5 skudi lil seba' suldati miġjuba mill-kwartieri: daqqaqa tal-fifra, tanbur, plattini, eċċ. *"scudi cinque per 7 soldati dal quartiere con fifra, tamburri, plattini, etc. dalla vigilia fino la processione"*.(35). Ġeneralment, dawn id-daqqaqa kienu jkunu mill-Belt u jinġabu minn xi wieħed mill-kwartieri ta' l-Ordni jew kienu jkunu daqqaqa fuq ix-xwieni ta' l-Ordni, l-ewwel informazzjoni bikrija ta' banda kif nafuha llum, għalkemm mhux daqshekk organizzata.(36)

Fl-1793, il-ħlas għola b'żewġ skudi, u ma jissemmiex in-numru ta' daqqaqa.(37) Fl-aħħar sentejn li Dun Ġużepp Debono kien *Maestro di Cappella,* l-mużika popolari esterna kienet tikkonsisti f'żewġ sezzjonijiet ta' daqqaqa. Fil-fatt fl-1802, il-prokuratur ħallas 15-il skud lil tmien persuni tal-banda, "*....per otto persone della banda"*. Ħlas ieħor għad-daqqaqa fil-purċissjoni kien ta' 4 skudi liż-żewġ daqqaqa tat-tanbur u daqqaqa tal-fifra.(38)

L-istess jingħad għas-sena ta' wara meta nsibu għal darb'oħra żewġ sezzjonijiet ta' daqqaqa f'dik li hija mużika popolari, għax fejn tidħol mużika serja, anke l-*Maestro di Cappella,* flimkien mal-mużiċisti u l-kantanti tiegħu, kienu jdoqqu fl-istess purċissjoni.(39) Fl-1803, il-banda tħallset 16-il skud, filwaqt li ż-żewġ daqqaqa tat-tanbur u dak tal-fifra ħadu 5 skudi.(40)

Din hija parti minn storja rikka ta' folklor, storja li teħodna fil-ħajja soċjali u reliġjuża ta' dawk iż-żminijiet meta l-festa ta' l-Assunta kienet iċċelebrata bil-kbir sew fil-Maqdes tagħha kif ukoll fit-toroq li kienu jserrpu madwar il-knisja l-antika.

## NOTI U RIFERENZI:


1. D'Anastas Noel: ***Francesco Azopardi (1748-1809): ħajtu u ħidmietu, Maestro di Cappella fil-Mosta.*** (Programm tal-festa maħruġ mis-SOĊJETÀ FILARMONIKA NICOLÒ ISOUARD, Mosta 1995) u ***Gaetano Ettore, Maestro di Cappella fil-Mosta*** (1782-1788) u d-daqqaqa fil-purċissjoni ta' żmienu. (Programm tal-festa maħruġ mis-SOĊJETÀ FILARMONIKA NICOLÒ ISOUARD, Mosta 1996).
2. Rolandi Uldrich: ***Musica e Musicisti in Malta*** (Livorno, 1932) u Mifsud Bonnici Robert, ***Mużiċisti Kompożituri Maltin u Għawdxin tal-Bieraħ u tal-Lum*** (Malta, 1951).
3. ***A.A.M. Visitationes Pastoralia*** XXXIX (1781) Labini.
4. Fil-Viżta Pastorali ta' l-Isqof Mattei f'Ottubru 1820, insibu li fost iż-żewġ prokuraturi tal-knisja kolleġġjata ta' Birkirkara, kien hemm Rev. Kan. Ġużeppi Debono (żgħir). Dwar il-Kan. Dun Ġużepp Debono (iż-żgħir), li kien Prepostu, ara ***A.C.M. Preb. Can.*** Vol.1, f. 141rv, kif ukoll l-artikli ***It-Testment ta' l-Ispiżjar Karkariż Ġanni Mallia favur il-Kolleġġjata Elenjana*** miktub mill-Kav. Joseph Borg (Programm tal-festa ta' Sant'Elena fil-Bażilika Kolleġġjata, Birkirkara 1990, pp. 82-88).
5. Arkivju Parrokkjali, Birkirkara *Lib. Bapt. VI* (1745-1771) f.187. Ġużeppi Debono ġie mgħammed jumejn wara fil-knisja kolleġġjata ta' Birkirkara. Il-parrinijiet kienu l-*chierico* Giovanni Calleja, iben Salvatore mill-Belt u Catarina Borg, bint Giovanni minn Birkirkara.
6. Ħutu l-oħra kienu Ġulju, Clara u Antonio.
7. *C.E.M. Status Animarum Vol. 16 (1758, Birkirkara) f. lv.*
8. Rosa Debono mietet fl-24 ta' Diċembru 1760, fl-eta' ta' 45 sena. A.P. Birkirkara, *Lib. Def. IV (1679-1771), f. 84.*
9. *A.A.M. Reg. Ord. (Rull) 1708-1769 ff. 142 v.,189.*
10. *C.E.M. Status Animarum Vol. 24 (1791, Birkirkara) f. 3v.*
11. *A.A.M. Vist. Past. XLIII 1789-1790 (Labini) f. 126v.*
12. *A.A.M. Vist. Past. XLVII 1809 (Mattei) f. 288v.*
13. A.P. Birkirkara, *Lib. Def. Vol. 3 (1771-1837) f. 186.*
14. Buhagiar Kan. Dun Vincenz: *Mill-mużika li baqa' fil-kolleġġjata Bażilika ta' Sant'Elena, Birkirkara.* (Programm tal-festa maħruġ mill-Kolleġġjata, Birkirkara, 1989) pp.68-79.
15. Dimech Dun Ġwann: *Maestri di Cappella tal-Parroċċa ta' Marija Annunzjata ta' Ħal Balzan* (Programm tal-festa ta' Marija Annunzjata maħruġ mill-Każin tal-Banda San Gabriel, Balzan 1993).
16. A. P. Mosta: *Esito Veneranda Lampade 1776-1887.*
17. D'Anastas Noel: *Gaetano Ettore......op. cit.*
18. A.P. Mosta: *Esito Veneranda Lampade (1789) p. 115, (1790) p. 122.*
19. *ibid. p. 135.*
20. *ibid. p. 145.*

21-23. *ibid. p. 155.*

24. D'Anastas Noel: *Francesco Azopardi.....op. cit.*
25. *ibid. pp. 209-210.*
26. Mallia Milanes Victor (Ed.) - *The British Colonial Experience 1800-1964: The Impact on Maltese Society* (Mireva, 1988).
27. A.P. Mosta: *Esito Veneranda Lampade 1776-1837 p. 216.*
28. *ibid. p. 221* Manutenzjoni oħra kienet saritlu xi snin qabel fi żmien il-*Maestro di Cappella* Gaetano Ettore.
29. *ibid. p.222.*
30. *ibid. 229.*

31-32. *ibid. p. 245.*

33. *ibid. p. 254.*
34. *ibid. p.264.* Bejn l-1805 u l-1808, il-mużika kienet f'idejn Francesco Azopardi. Ara wkoll: D'Anastas Noel: *Francesco Azopardi.....op. cit.*
35. *ibid. p. 145.*
36. Ara D'Anastas Noel: *Gaetano Ettore.....op. cit. u l-Attivita' mużikali fil-festa ta' San Ġużepp fis-snin sittin tas-seklu 18.* (Programm tal-festa ta' San Ġużepp maħruġ mill-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp, Rabat - 1996 u 1997).
37. A.P. Mosta: *Esito Venerande Lampade 1776-1837 p. 155.*
38. *ibid. p. 245.*
39. Ara D'Anastas Noel: *L-Attività mużikali fil-festa ta' San Ġużepp fis-snin sittin tas-seklu 18.* (Programm tal-festa ta' San Ġużepp, Rabat maħruġ mill-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp, Rabat - 1996-1997).
40. A.P. Mosta: *Esito Venerande lampade 1776-1837 p. 254.*


***Ħajr lil:*** Joe Catania, Mons. Dun Alwiġ Deguara, Saviour Dimech, Charlie Schembri u Tony Terribile.